SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 59/K8/19**

Data tal-laqgħa: 02 ta' Mejju 2019

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Dott. Albert Buttigieg – Vici Sindku
Rita Dimech Portelli - Kunsilliera
Clayton Luke Mula - Kunsillier
Clayton Tanti Gregoracy - Kunsillier
Edgar Montanaro – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (3)**

Il-Kunsillier Martin John Sultana
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

59.1.01 Il-Kunsillier Martin John Sultana, il-Kunsillier John Agius u l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talab li jiġi skużat għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni.

**59.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

59.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 58/K8/19 għall-approvazzjoni.

59.2.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 58/K8/19.

59.2.04 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu fl-approvazzjoni tal-Minuti 58/K8/19.

59.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

59.2.06 Saret riferenza għall-ATM f'Ta' Ġiorni minħabba li kien hemm diversi residenti li xtaqu li ssir fin-nofs. Għaldaqstant ġie deċiż li l-ATM titmexxa fin-nofs minn kif kienet l-applikazzjoni.

59.2.07 Saret riferenza għal-laqgħa li saret mal-Infrastructure Malta dwar Pjazza Spinola, fejn is-Segretarju ta dettalji dwar l-andament tal-laqgħa li saret maċ-Ċermen ta' l-Infrastructure Malta is-Sur Fredrick Azzopardi. Il-Membri tal-Kunsill preżenti talbu kjarifikazzjonijiet dwar il-proġett li qed isir min-naħa ta' Infrastructure Malta għal Pjazza Qalb ta' Ġesu. Filwaqt li l-Perit Anthony Bezzina ikkjarifika li l-Kunsill kien għadu għaddej bl-applikazzjoni tiegħu għal proġett għall-istess pjazza. Fl-istess waqt saret diskussjoni dwar dak li jista' jagħmel l-Kunsill sabiex ikompli jinsisti fuq il-proġett kif propost mill-Perit tal-Kunsill u għalhekk kien hemm qbil li għandha tissejaħ konferenza stampa sabiex jispjegaw id-difetti li fih il-proġett ta' l-Infrastructure Malta kif ukoll nagħtu spjegazzjoni ċara tal-proġett kif propost min-naħa tal-Kunsill.

59.2.08 Saret riferenza għal-marki tat-toroq minħabba li dawn kienu għadhom ma sarux min-naħa ta' l-Infrastructure Malta wara li għamlu resurfacing ta' Triq Ċensu Tabone u Triq Ġorġ Borġ Olivier. Il-Kunsill qabel unanimament li biex jevita l-periklu kien ser jqabbad lill-kuntrattur tiegħu biex jagħmilhom l-Kunsill.

59.2.09 Dwar Triq Dun Ġużepp Xerri ġie deċiż li għandha terġa tintbagħat ittra.

59.2.10 It-taraġ ta' Triq il-Klarissi sar u qed isir ir-railing.

59.2.11 Saret riferenza għat-tarmac li ser jingħata fil-lokalita' dawn ser jibdew isiru wara l-elezzjoni.

59.2.12 Il-Kunsill ġie nfurmat li Ġieħ San Ġiljan ser issir nhar il-Ħadd 5 ta' Mejju 2019.

**59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

59.3.01 L-attivita' tal-Ħadd li għaddiet dwar Ġieħ mill-Maltin, bħala attivita' kienet ta' success, iżda l-attendenza ma kienetx waħda tajba.

59.3.02 **Adjustment tar-Rapport Finanzjarju** – Is-Segretarju ppreżenta rapport min-naħa ta' l-awdituri sabiex isiru xi adjustamenti fir-rapport finanzjarju tal-2018. (Rapport Anness) (Appendiċi 'A'). Il-Kunsill qabel li jsiru dawn l-aġustamenti.

**59.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

59.4.01 Il-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg talab dwar it-taraġ Scicluna x sar. Hu ġie nfurmat li l-proċess min-naħa tal-Planning Funds qed jitwal u għad m'għadniex il-ftehim u għalhekk ma nistawx nibdew ix-xogħolijiet.

**59.5 Talbiet zghar.**

**59.5.01 Email mingħand Let's Do It Malta dwar World Clean Up Day – An Introduction to all Local Councils (Inc. 1891/19)**

59.5.01.01 Saret riferenza għall-email mingħand Let's Do It Malta dwar World Clean Up Day – An Introduction to all Local Councils. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**59.5.02 Email mingħand Amanda Cassar dwar kompetizzjoni – Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriza 2019 (Inc. 1893/19)**

59.5.02.01 Saret riferenza għall-email mingħand Amanda Cassar dwar kompetizzjoni – Premju Nsazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriza 2019. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li unanimament li l-Kunsill ma japplikax.

**59.5.03 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2019/038 Malta Pride Initative 2019 (Inc. 1898/19)**

59.5.03.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar Ċirk AKL 2019/038 Malta Pride Initative 2019. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li unanimament l-Kunsill ser ikun qiegħed jieħu sehem u ser ikun qiegħed jipprepara żewġ zebra crossings

**59.5.04 Email mingħand l-Malta Tourism Authority dwar Summer Breaktime 2019 – 2020 (Inc. 1907/19)**

59.5.04.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Malta Tourism Authority dwar Summer Breaktime 2019 – 2020. Il-Kunsill ġie nfurmat bit-toroq.

**59.5.05 Email minghand is-Sur Danilo Crastolla dwar proposal of cooperation (Inc. 1921/19)**

59.5.05.01 Saret riferenza mingħand is-Sur Danilo Crastolla dwar proposal of cooperation. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma japplikax.

**59.5.06 Email mingħand il-Local Government dwar Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni (Inc. 1951/19)**

59.5.07.01 Saret riferenza għall-email mingħand il-Local Government dwar Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li napplikaw għal Ġnien Spinola, Pjazza li hemm fi Triq San Mark u Ġnien Saver Zarb.

**59.5.08 Email mingħand is-Sur Melchiore Vassallo dwar live screeing (Inc. 1977/19)**

59.5.08.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Melchiore Vassallo dwar live screeing. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill mhux ser ikun qiegħed jagħti permessi għal dawn il-ġranet mitluba. Dan għaliex il-Kunsill jħoss li m'għandniex nagħtu permessi simili b'mod frekwenti u dawn it-tipi ta' permessi għandhom jitħallew biss għas-sezzjoni tal-World Cup u l-UEFA European Cup.

**59.5.09 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Life programme – application calls for 2019 (Inc, 1976/19)**

59.5.09.01 Saret riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Life programme – application calls for 2019. Il-Kunsill ġie infurmat b'din l-email.

**59.5.10 Email mingħand Is-Sur Albert Falzon dwar is-servizz ta' security fi Ġnien Spinola (Inc. 2010/19)**

59.5.10.01 Saret riferenza għall-email mingħandm is-Sur Albert Falzon dwar is-servizz ta' security fi Ġnien Spinola. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li dan jerġa jiġi mġedded sa' l-aħħar ta' Ġunju.

**59.5.11 Ittra mingħand is-Sur Vince Vassallo dwar ħarġa għall-anzjani (Inc No. 2266/19)**

59.5.11.01 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Vince Vassallo dwar ħarġa għall-anzjani. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jaqbel li jitħallas it-trasport.

**59.5.12 Ittra mingħand l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal dwar Rights 4U**

59.5.12.01 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal dwar Rights 4U. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din titella fuq l-facebook.

59.5.13 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Robert Desira Buttigieg dwar tibdil fl-isem ta' Triq Patrick Brydone. Wara dikussjoni qasira ġie deċiż li jiġi nfurmat li l-Kunsill kien ħa deċiżjoni u l-applikazzjoni ġiet approvata min-naħa ta' l-istreet naming committee.

59.5.14 Saret riferenza għall-email mingħand l-Malta Rabbit Club dwar il-Club tagħhom. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-ewwel attivita' li l-Kunsill jorganizza nistidnihom.

59.5.15 Email mingħand is-Sur George Xuereb dwar żvillupp li qed isir mal-wied fi Triq il-Mensija. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din ser tinbagħat lill-Perit tal-Kunsill.

**59.6 Attivitajiet fix-xhur li ġejjin;**

59.6.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li għada l-Ġimgħa 03 ta' Mejju 2019 ser issir attivita' soċjali ġewwa l-Melita Gardens. Filwaqt li l-Ħadd 05 ta' Mejju 2019 kienet ser issir l-attivita' tal-premjazzjoni Ġieħ San Ġiljan.

**59.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

59.7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

59.7.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

59.7.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

59.7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**59.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

59.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4668 sa 4683. (Ara Appendiċi 'B')

59.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**59.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

59.9.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 16 ta' Mejju 2019 fl-4.30p.m.

59.9.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 16 ta' Mejju 2019**